**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 1 ta' April 2019**

**Rikors Numru 90/2018**

**Andrea Lucia Sackner**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Andrea Lucia Sackner** ipprezentat fit-30 ta' Awwissu 2018 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"1. Illi l-esponenti ghandha cittadinanza Germaniza tant illi hija kienet ilha tghix gewwa l-Germanja ghal hamsin sena (50 sena). Illi l-esponenti nhar it-30 ta' Mejju 2018 akkwistat ir-residenza taghha Maltija u dan kif jidher minn Dok 'A' hawn anness;*

*2. Illi nhar is-16 ta' Mejju 2018 l-esponenti gabet il-vettura taghha tal-ghamla Porsche 911 Carrera bin-numru ta' registrazzjoni BT888C hekk kif muri mill-anness dokument immarkat bhala 'Dok B';*

*3. Illi wara l-ghoti tar-residenza u cioe' fit-30 ta' Mejju 2018 l-esponenti applikat sabiex il-vettura surriferita tigi ezenti mit-taxxa taht l-Artikolu 19, tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*4. Illi l-esponenti hadet id-dokumenti kollha mehtiega ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 19, tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u dan nhar is-26 ta' Gunju 2018 kif jidher mill-anness dokument immarkat bhala Dok 'C';*

*5. Illi permezz ta' ittra datata 9 ta' Awwissu 2018 mahruga mit-Transfer of Residence Exemption Board fi hdan il-Ministeru Ghall-Finanzi fejn infurmaw lill-esponenti illi l-applikazzjoni taghha kienet qed tigi rifjutata a tenur tar-Regolament 4(3)(f) tal-Avviz Legali 440 tal-2013: "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle for exemption is to be made within days from the arrival of the vehicle in Malta" (liema decizjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D');*

*6. Illi l-esponenti hasset ruhha aggravate minn din id-decizjoni tal-Ministeru Ghall-Finanzi u ghalhekk l-esponenti kellha tintavola dan l-umli appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal fi zmien wiehed u ghoxrin jum (21) mid-data minn meta l-esponenti rceviet id-decizjoni tal-Ministeru Ghall-Finanzi;*

*7. Illi c-cahda tal-applikazzjoni tal-esponenti min-naha tal-intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi artiklu li fuqu l-Ministeru bbaza d-decizjoni tieghu ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni;*

*8. Illi kif jidher sew mill-anness dokument immarkat bhala 'Dok B' il-vettura tal-ghamla Porsche 911 bin-numru ta' registrazzjoni datata BT888C iddahlet Malta nhar is-16 ta' Mejju 2018. Illi di piu' u dan kif jidher mill-anness dokument immarkat bhala 'Dok A' l-esponenti nghatat ir-residenza taghha nhar it-30 ta' Mejju 2018. Illi mill-anness 'Dok C' jirrizulta illi l-esponenti ssottomettiet l-applikazzjoni taghha fir-rigward tal-vettura msemmija nhar is-26 ta' Gunju 2018. Illi ghalhekk dan huwa kaz fejn il-vettura ddahlet Malta qabel ma l-esponenti kienet akkwistat ir-residenza taghha. Illi l-artiklu 4(2)(e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 'Regoli dwar l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi bil-mutur' jghid is-segwenti:*

*"meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun diga' waslet Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta"*

*Illi kif huwa ampjament pruvat mid-dokumenti annessi l-vettura waslet hawn Malta qabel ma l-esponenti ttrasferiet ir-residenza taghha stante illi l-istess residenza giet trasferita nhar it-30 ta' Mejju 2018. Illi iktar minn hekk, fl-isfond ta' dan l-artiklu ladarba l-vettura kienet diga' tinsab Malta meta l-esponenti trasferiet ir-residenza taghha, it-tletin (30) jum sabiex issir ir-registrazzjoni taht il-Ligi Sussidjarja 368.01 kellhom jibdew japplikaw minn dik id-data minn meta l-esponenti ttrasferiet ir-residenza taghha. Dan ghalhekk ifisser illi l-esponenti kellha 30 gurnata mit-30 ta' Mejju 2018 sabiex tapplika ghal tali registrazzjoni u infatti tali registrazzjoni saret fis-26 ta' Gunju 2018. Dan allura jindika illi l-esponenti kienet legalment korretta f'dak li ghamlet.*
*9. Illi ghalhekk l-esponenti tissodisfa l-kriterji kollha sabiex l-applikazzjoni taghha tkun milqugha u dan kuntrarjament ghal dak deciz mill-intimat fid-decizjoni moghtija nhar id-9 ta' Awwissu.*

*10. Salv aggravju ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li dan it-Tribunaol joghgbu:*

*1. Jiddikjara illi d-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board fi hdan il-Ministeru Ghall-Finanzi datata 9 ta' Awwissu 2018 ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;*

*2. Jiddikjara illi l-vettura tal-ghamla Porsche 911 Carrera tal-esponenti ghandha tkun ezenti mit-taxxa taht l-Artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Jordna kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi. "*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi** pprezentata fl-24 ta' Settembru 2018 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponent sejjer bil-preżenti risposta jwieġeb għar-rikors ta'* ***Andrea Lucia Sacker*** *li permezz tiegħu talbet lil dan l-Onorabli Tribunal sabiex iħassar d-deċizjoni tal-Ministeru intimat bid-data 9 ta' Awissu 2018 u minflokk jiddikjara illi l-vettura tagħha tal-għamla* ***Porsche 911 Carrera*** *għandha tkun eżenti mit-taxxa taħt l-Artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *L-esponent isostni li l-allegazzjonijiet ta Andrea Licia Sacker humma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jiġi muri f'din ir-risposta u fil-mori ta' din il-kawża;*

3. *Fil-fatt, il-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur irrifjuta l-applikazzjoni tal-appellanta a bażi tal-artikolu 4(3)(f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 li jgħid:*

   *(f) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta.*

4. *Fl-applikazzjoni tagħha, l-appellant iddikjarat li hija waslet Malta flimkien mal-vettura tagħha fis-16 ta' Mejju 2018. L-appellanta mar-rikors tagħha preżentat dokument li ġie mmarkat bħala 'Dok B' li juri li l-vettura tagħha verament ġiet Malta fis-16 ta' Mejju 2018.**(Kopja tal-applikazzjoni qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok MF 1)***

5. *l-appellenta iddikjarat ukoll fl-applikazzjoni tagħha li hi ittrasferiet ir-residenza tagħha hawn Malta fil-15 ta Mejju 2018 li tiġi ġurnata qabel il-vettura tagħha waslet Malta. Għalhekk japplika l-artikolu 4(3)(f). Dan juri li l-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur applika l-artikolu t-tajjeb skont id-dati ddikjarati mill-appellanta stess fl-applikazzjoni tagħha.*

6. *L-artikolu 4(3)(f) jipprovdi li t-terminu ta' 30 jum jiskatta mil-ġurnata meta l-vettura tkun waslet Malta li f'dan il-każ id-data hija 16 ta' Mejju 2018. Allura it-terminu kellu jiskadi fil 15 ta' Ġunju 2018. L-appellanta marret tapplika għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni fit-18 ta' Ġunju 2018 li tiġi madwar tlett ijiem wara l-għeluq tat-terminu ta' tletin jum. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-appellant ma setgħetx tiġi milqugħa peress li ġiet preżentata tard.*

7. *Għalhekk, il-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur kien korrett kemm legalment u kemm fattwalment meta huwa ikkomunika mall-appellanta illi hija ma tikwalifikax għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni tal-vetturi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Għaldaqstant il-Ministeru għall-Finanzi jitlob umilment lil dan l-Onnorabbli Tribunal jikkonferma id-deċiżjoni tal-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur li ggib id-data tad-9 ta' Awissu 2018 bl-ispejjez kontra l-appellanta."*

Ra l-affidavit tar-rikorrenti;

Sema' x-xhieda ta' Francis Attard;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 9 ta' Awwissu 2018 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4(3)(f) which stiuplates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*

Illi **r-rikorrent** xehdet illi hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta b'mod ufficjali fit-30 ta' Mejju 2018, filwaqt li l-vettura taghha waslet hawn Malta fis-16 ta' Mejju 2018. Hija stqarret illi hija kienet konxja bil-perjodu ta' tletin gurnata entro liema riedet tissottometti l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni, pero` skond hi t-tletin gurnata jibdew jiddekorru minn meta hija ufficjalment hadet ir-residenza taghha hawn Malta. Tispjega li wara li rceviet id-decizjoni appellata hija tkellmet mal-konsulent legali taghha fejn intebhet li kienet ghamlet zball fl-applikazzjoni taghha u nizzlet li hadet ir-residenza ordinarja taghha fil-15 ta' Mejju 2018 u dan mentri hija waslet Malta fl-imsemmija data.

**Francis Attard** xehed illi huwa *Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board.* Jispjega li l-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent gietipprezentata aktar tard minn tletin jum minn meta r-rikorrenti ddikjarat li hadet ir-residenza taghha hawn Malta u ghalhekk il-Bord ma setghax jilqa' l-applikazzjoni. Mistoqsi in kontro-ezami jekk il-Bord hassx il-bzonn li jitlob kjarifika minghand ir-rikorrenti ix-xhud wiegeb li le. Jispjega li fil-ligi ma hemm xejn li jorbot id-data tat-trasferiment tar-residenza mad-data ta' meta johrog il-permess tar-residenza.

**Ikkunsidra:**

Illi fl-atti giet esebita kopja tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell (Dok MF1 a fol. 22). Minnha jirrizulta illi r-rikorrenti ddikjarat li hadet ir-residenza taghha hawn Malta **fil-15 ta' Mejju 2018** mentri ddikjarat li l-vettura waslet hawn Malta fis-**16 ta' Mejju 2018.**

Illi mill-istess applikazzjoni jirrizulta illi din ghandha informazzjoni dwar termini importanti bhal xi jfisser "transfer of residence" u cioe` "*transfer of residence means the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta".* Fl-istess informazzjoni wiehed isib imnizzel it-termini *entro* liema applikant irid jissottometti l-applikazzjoni tieghu.

Illi t-Tribunal jinnota illi kull applikant jithalla fil-liberta` li jnizzel kwalunkwe data li jrid meta jigi biex jimla d-data tat-trasferiment tar-

residenza tieghu hawn Malta u dan ghaliex id-data mhix marbuta ma' l-ebda dokument hlief mal-iffurmar ta' dik l-intenzjoni li wiehed iqis Malta bhala l-pajjiz fejn se jghix b'mod permanenti. L-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni proprjament tinghata minhabba li l-applikant ikun se jghix b'mod permanenti hawn Malta ghaliex altrimenti ma jkunx hemm lok li tinghata tali ezenzjoni. Mill-istess applikazzjoni jirrizulta wkoll illi l-applikant jiddikjara illi l-informazzjoni miktuba fl-istess applikazzjoni hija tajba u korretta.

Illi dan it-Tribunal kellu diversi kawzi simili ghal dik odjerna. Filwaqt li d-difensur tar-rikorrenti insista li l-Bord kellu jitlob kjarifika dwar id-data li r-rikorrenti nizzlet dwar it-trasferiment tar-residenza taghha meta jirrizulta illi hija nghatat ir-*residence card* f'data li tigi wara dik dikjarata minnha, ic-Cermen tal-Bord insista li ma kienx hemm ghalfejn issir tali kjarifika stante li kull applikant jithalla fil-liberta` li jnizzel dak li jrid. Ghalhekk ir-rikorrenti kienet fil-liberta`, kieku hekk kien il-kaz, li tnizzel id-data ta' meta hija applikat ghall-permess ta' residenza bhala dik il-gurnata meta hija ffurmat dik l-intenzjoni li tistabilixxi r-residenza taghha hawn Malta.

Illi certament il-hsieb tal-legislatur wara l-ghoti tal-ezenzjoni kien li din tinghata lil min pozittivament icaqlaq ir-residenza tieghu ghal Malta. It-trasferiment tar-residenza ma jsirx accidentalment ghax wiehed ikun se japplika ghal xi beneficcju imma jsir ghaliex l-individwu ikun ifforma f'mohhu dak il-hsieb li jqis lil Malta bhala l-pajjiz fejn huwa se jistabilixxa r-residenza normali tieghu. Mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti jirrizulta illi hija liberament ghazlet li tnizzel id-data tal-15 ta' Mejju 2018. Madankollu fl-affidavit taghha tishaq illi ufficjalment hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta fit-30 ta' Mejju 2018. Illi kif diga ntqal diversi drabi minn dan it-Tribunal, it-trasferiment tar-residenza ma huwiex marbut mad-data meta wiehed japplika jew inkella meta johrog il-permess tar-residenza, ghalkemm prova ta' tali applikazzjoni jew permess tista' tigi mitluba mill-Bord qabel jghaddi ghad-decizjoni finali tieghu.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord wasal ghal konkluzzjoni gusta abbazi tad-dikjarazzjoni li ghamlet ir-rikorrenti u ma jara l-ebda abbuz ta' diskrezzjoni jew xi decizjoni irragjonevoli da parti tal-istess Bord. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ir-rikorrenti ma wettqet l-ebda zball meta nizzlet id-data li fiha ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta, izda kien biss wara li rceviet ir-rifjut tal-applikazzjoni li ndunat li ma kinitx osservat it-termini tal-ligi. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jikkonferma d-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**